MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 2301/1998/1

**Carmelo Psaila**

**vs**

**Jesmond Psaila**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni datata d-9 ta’ Novembru, 1998, li originarjament permezz taghha ntalab sintetikament is-segwenti:

1. Illi jigi dikjarat li l-attur Carmelo Psaila hu l-pussessur tar-raba, l-ghorfa u maqjel meritu tal-procedura;
2. Illi l-konvenut Jesmond Psaila m’ghandu l-ebda dritt ghall-istess fondi fuq indikati;

3. Illi tikkundanna lill-imsemmi konvenut jizgombra mill-imsemmija fondi fi zmien perentorju ffissat mill-qorti;

4. Bl-ispejjez;

Illi permezz tan-nota tal-eccezzjonijiet datata t-13 t'April, 1999, 'il fuq imsemmi konvenut ikkontesta l-imsemmija talbiet, li biex jigi evitat dilungar inutili, sintetikament sostna s-segwenti:

1. Illi l-azzjoni hija llecita;

2. Illi l-konvenut agixxa bil-kunsens tal-istess attur;

Rat il-verbal datat il-25 ta' Jannar, 2012, li permezz tieghu l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet infurmaw lill-qorti li l-meritu ta' din il-procedura gie ezawrit u li issa l-kawza hi limitata ghall-kap tal-ispejjez u talbu jipprezentaw nota f'dan is-sens;

Rat l-istess verbal indikat fil-paragrafu precedenti li permezz tieghu din il-qorti kkoncediet it-termini hemm indikati ghal dan il-ghan u ddifferiet il-kawza ghas-sentenza;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur;

Tirrileva li l-konvenut baqa' ma rrispondiex;

Ikkunsidrat:

Illi sintetikament jinghad is-segwenti:

1. Illi din hi sentenza li limitatament tikkoncerna l-kap tal-ispejjez stante li l-meritu gie ezawrit;

2. Illi pero`, qabel ma tiddisponi mill-istess, ma tistax ma tiddeplorax minghajr rizervi l-perjodu skonsiderat kemm li din il-kawza damet biex tigi rizolta u, biex il-

partijiet involuti, galadarba kkoncedew il-meritu baqghu jwebbsu rashom fuq il-kap tal-ispejjez;

3. Illi tali ntransigenza hi kundannabbli daqs l-inerzja processwali riskontrata, liema inerzja processwali hi biss responsabbli ghaliha l-qorti li ghandha wkoll tara li l-procedura tigi rizolta fi zmien xieraq, stante li kif issostni l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza **Vassallo vs Malta**, datata l-11 t'Ottubru, 2011:

"The Court … reiterates that the judicial authorities remain responsible for the conduct of the proceedings before them and ought to weigh the advantages of continued adjournments pending the outcome of other cases against the requirement of promptness";

Ikkunsidrat:

Illi rigward il-kwistjoni hawn in dizamina – il-kap tal-ispejjez – jinghad sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-partijiet fuq indikati kellhom kwistjoni rigwardanti l-fondi fuq riferiti li tul il-procedura jirrizulta li l-meritu gie ezawrit;

2. Illi tirrileva li hadd mill-partijiet ma jirrizulta li nforma lill-qorti bl-ezitu tal-istess;

3. Illi in effetti, hadd mill-partijiet nonostante t-trapass ta' zmien riskontrat, ma tefa' xi dawl processwali fir-rigward;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk jirrizulta s-segwenti:

1. Illi l-attur intavola l-procedura in dizamina liberament;

2. Illi l-istess attur ghazel li jittransigi fuq il-meritu minghajr ma jindirizza wkoll il-problema li tidher qed tinkwetah f'dan il-waqt tal-procedura;

Illi ghaldaqstant jidher li din kienet biss ripensata tieghu wara li ottjena dak li ried permezz tal-ftehim de quo;

Ikkunsidrat:

Illi ghaldaqstant din il-qorti ma tqisx li ghandha takkorda ripensament lill-attur li jirrizulta li dejjem agixxa u kien munit minn assistenza skont il-ligi u issa hu inutili li jipprova jregga' l-arlogg lura ghaliex hekk jaqbillu;

Illi kien hu li:

1. Ntavola l-procedura;

2. Wasal biex jirrizolvi l-meritu;

3. Abbanduna l-kap tal-ispejjez fit-trattattivi tieghu in dizamina;

Ikkunsidrat:

Ghaldaqstant, in vista tal-premess tirrespingi t-talba tal-attur Carmelo Psaila, u :

Tikkundanna lill-attur Carmelo Psaila jhallas l-ispejjez kollha ta' din il-procedura.

_________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------